16 ta' Diċembru, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Robert Borg *versus* Francesco Abela

**Komodat — Lokazzjoni — Gratuwità — Kuntratt Innominat.**

*Il-komodat għandu bħala element prinċipali tiegħu l-gratuwità; u għalhekk min jikkonċedi l-użu ta' ħaġa jew fond lil persuna li għandha tħallas korrispettiv għal dak l-użu ma jkunx ta dik il-ħaġa b'komodat, imma jkun taħa b'lokazzjoni jekk il-korrispettiv ikun jikkonsisti fi flus. Jekk il-korrispettiv jikkonsisti fi prestazzjoni oħra, il-ftehim bejn il-partijiet ikun kuntratt innominat.*

*Il-kondizzjoni apposta mill-lokatur f'każ ta' lokazzjoni ta' fond, li l-lokatarju għandu jirritorna l-fond meta jiġi nterpellat, anki jekk aċċettata mill-lokatarju, hija kuntrarja għall-liġi tal-kera, u għalhekk hija inattendibili.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni nru. 158 ta' l-1949 quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn l-attur qal li bi skrittura tat-3 ta' Awissu 1948 (dok. A) l-attur akkonsenta li l-konvenut jaħżen ċereali u ħwejjeġ oħra fil-maħżen nru. 2, Church Wharf, però rriżerva d-dritt li fl-intervall ta' kull tliet xhur ikun jista' jieħu l-maħżen lura b'notifika ta' sebat ijiem qabel, taħt multa ta' £1 kuljum wara li jgħaddu s-sebat ijiem; u li l-attur intima inutilment lill-konvenut biex jagħtih lura dak il-maħżen kif miftiehem, tant verbalment kemm b'ittra bonarja tat-12 ta' Jannar 1949 (dok. B), u b'ittra uffiċjali tal-24 ta' l-istess xahar (dok. C), però l-konvenut ma tax każ u baqa' u għadu jokkupa l-maħżen fuq imsemmi—ħaġa li in vista tal-premess qiegħed jagħmel mingħajr titolu, kif jiġi ok-korrendo espressament dikjarat; u talab li, wara li jsiru d-di-kjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra mill-maħ-żen fuq riferit numru 2, Church Wharf, Marsa, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti. B'riżerva ta' kull dritt ieħor ta' l-attur skond il-liġi u skond l-iskrittura ċi-

tata tat-3 ta' Awissu 1948, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 1949;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-12 ta' Lulju 1949, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-konvenut u dan ġie meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju; wara li dik l-Qorti kkunsidrat;

Li mid-dokument fil-fol. 18 tal-proċess irriżulta li bejn *il-partijiet* sar ftehim bil-miktub billi fih *intqal* li l-*attur* "jakkonsenti lill-konvenut illi jaħżen fil-maħżen nru. 2 Church Wharf, il-Marsa, li hu adibit għall-kummerċ ta' ċereali u ħwejjeġ oħra taħt dawn il-kondizzjonijiet :—..........;

*Omissis;*

Minn eżami attent tal-kondizzjonijiet imposti jidher ċar li l-kuntratt ma kienx ta' sempliċi magazzinaġġ. U tabilħaqq *il-konvenut kellu* l-*esklużività* u l-*kontroll tal-post kollu*, ir-riskju kollu għalih, u ebda responsabilità ma assuma l-attur. L-attur fin-nota tiegħu jippretendi li fil-fatt kien hemm komodat. Iżda l-kondizzjonijiet huma ta' sullokazzjoni u mhux ta' sempliċi komodat. Ġie infatti stipulat il-kumpens fiss ta' £12 kull tliet xhur, u terminu ta' tliet xhur prorogabili taċitament, bil-patt tat-terminazzjoni bi preavviż ta' sebat ijiem. Sar ftehim fuq il-konsum tal-luċe elettrika u l-ilma, u t-tibjid u ż-żebgħa, bħalma soltu jsir fil-kiri, kif ukoll l-obligu tat-tiswija tal-ħsarat u d-divjet ta' l-alterazzjonijiet. Kif wieħed jista' jargumenta mill-art. 1934 tal-Kodiċi Ċivili, il-patt tal-ħlas ibiddel in-natura tal-ftehim u jirrendih kuntratt ta' kiri;

Jgħid il-Baudry Lacantinerie-Wahl :— "Se il comodante *stipula dal comodatario qualche prestazione* come corrispettivo del vantaggio che gli procura la convenzione, non diverrà per questo nulla, ma non costituirà più un comodato; sarà invece una locazione se la rimunerazione stipulata consiste in una somma di denaro" (Trattato di Diritto Civile, Vol. XXIII, no. 606). U Dumburg testwalment jgħid :— "Carattere essenziale del commodato è la gratuità. Per essa si distingue dalla locazione" (Delle Obbligazioni, par. 90, p. 363). Dan huwa konformi għad-Dritt Ruman :— "Commodata autem res tunc proprie intelligitur si, nulla mercede accepta vel

constituta, res tibi utenda data est; alioquin mercede interveniente locatus tibi usus rei videtur; *gratuitum enim debet* esse commodatum'' (Dig. 21, quibus modis re contrahitur obbligatio, 3, 14);

Għalkemm il-partijiet jagħtu lill-ftehim tagħhom xbiha ta' figura ġuridika, hija l-Qorti li għandha tara fil-fatt x'għamlu, u fuq is-sustanza li tirriżulta tapplika n-''nomen juris'' u l-liġi. Fil-każ preżenti l-Qorti tara fil-ftehim tal-partijiet vera sullokazzjoni moħbija ta' xbiha ta' speċi ta' magazzinaġġ, u għalhekk il-Qorti għandha tapplika r-regoli tas-sullokazzjoni;

U peress li fis-sullokazzjoni s-sullokatur ma jistax jieħu lura l-fond mingħajr il-permess tal-Board tal-Kera, u l-attur ma jirriżultax li ħa dak il-permess sal-lum, it-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur, fejn talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, il-kuntratt bejn il-kontendenti jirrivesti l-karattri kollha ta' sullokazzjoni, u mhux ta' komodat, li għandu bħala element prinċipali tiegħu l-gratuwità. F'dan il-każ irriżulta li l-attur ta lill-konvenut il-lokazzjoni tal-maħżen b'kera bil-wisq ogħla minn dak li huwa qiegħed iħallas lill-proprjetarju; u dina ċ-ċirkustanza hija biżżejjed biex turi li l-element tal-gratuwità jeżula għal kollox. Oltre l-awtoritajiet ċitati mill-Ewwel Qorti, jgħid *Zachariae* : ''Il prestito è di due specie, il prestito ad uso o comodato, ed il prestito di conservazione o semplice prestito. L'uso della cosa è gratuito, diversamente si confonderebbe col contratto di locazione'' (722 e 723, Vol. IV). Jgħid il-Laurent : ''Il prestito ad uso (comodato) è essenzialmente gratuito. Se colui che accorda l'uso di una cosa esige una prestazione dall'altra parte, non vi ha più comodato. È un altro contratto; sarà una locazione........... ovvero un contratto innominato'' (Vol. XXVI, para. 457, pag. 349, Principi di Diritto Civile);

Jgħid ukoll ir-Ricci (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol. IX, para. 185) :— ''Il comodato è essenzialmente

gratuito. Se la cosa si presta dietro un corrispettivo in denaro, il contratto assume l'indole di locazione di cose; e se il corrispettivo consiste nella prestazione di un'opera, o di altra cosa, si tratta di un contratto innominato........... Nel comodato si rende un favore per amicizia o per deferenza alla persona a cui è reso; non si ha alcuna idea o desiderio di lucro; e si fa atto di vera liberalità. Tale è l'indole del comodato; le parti possono ben pattuire un corrispettivo per la cosa data ad usare, ma in questo caso non possono pretendere che il contratto conservi l'indole di comodato, non dipendendo l'essenza delle cose e *degli atti giuridici dall'arbitrio dei contraenti*...........";

Il-kondizzjoni mposta mill-attur u aċċettata mill-konvenut, li dana għandu jirritorna l-maħżen ma' tul ċertu żmien meta jiġi *interpellat*, ma għandha l-ebda effikaċja ġuridika, għaliex hija kuntrarja għal-liġi li tirregola l-kera;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż kontra l-istess attur appellant.